MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF
LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2023

Appell Inferjuri Numru 213/2017 LM

**Jonathan Ferris**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Saviour Balzan**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Saviour Balzan (K.I. 127263M)**, [hawnhekk 'l-appellant'], mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-21 ta' Marzu, 2022 [hawnhekk 'is-sentenza appellata'] illi laqgħet it-talbiet tar-rikorrent **Jonathan Ferris** [hawnhekk 'l-appellat'] billi ddikjarat li *video blog* ippubblikat mill-intimat fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt taħt l-isem: *"Nothing positive about*

*overdevelopment"* fis-17 ta' Lulju, 2017 huwa libelluż għajr għal parti minnu, u konsegwentement ikkundannat lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' €3,000 bħala danni.

**Fatti**

2. Permezz tat-talbiet tiegħu lill-Ewwel Qorti, ir-rikorrent talab lill-Qorti tiddikjara li l-*video blog* ippubblikat mill-intimat fuq is-sit elettroniku www.maltatoday.com.mt taħt l-isem: *"Nothing positive about overdevelopment"* fis-17 ta' Lulju, 2017 huwa libelluż u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent, kif ukoll talab lill-intimat jiġi kkundannat iħallas dik is-somma li tiġi likwidata mill-Qorti bħala danni morali a tenur tal-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. L-intimat fir-risposta tiegħu wieġeb li preliminarjament ir-rikorrent irid jgħid liema partijiet mill-*video blog* in diżamina huma libellużi jew għandhom l-iskop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tar-rikorrent. L-intimat qal li l-fatti esposti fil-*video blog* huma sostanzjalment veritieri, u ma fihom l-ebda allegazzjoni falza, kif ukoll li fil-parti l-kbira tiegħu l-*video blog* huwa każ ċar ta' *fair comment,* u l-intimat għandu kull dritt li jikkummenta u jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu dwar il-materja in kwistjoni. Żied jgħid li fi kwalunkwe każ il-pubblikazzjoni in diżamina kienet ta' interess pubbliku u huwa kien qiegħed jaqdi korrettement id-dmir tiegħu li jirrapporta dwar aħbar serja, gravi, u li ġġenerat interess pubbliku.

**Mertu**

4. Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent **Jonathan Ferris** qal li huwa kien tneħħa minn uffiċjal tal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU), u meta seħħ dan huwa kien ingħata parir mill-avukati tiegħu li jsemma l-verżjoni tiegħu. Qal li l-għada li huwa għamel dan permezz ta' intervista li ġiet ippubblikata, l-intimat tella' l-*video blog* li huwa ħassu mmalafamat bih, fejn dan irrefera għalih bħala 'Inspector Clouseau', u żied jgħid li f'dan il-*video blog* saru numru ta' allegazzjonijiet li mhumiex veritieri. Qal ukoll li l-intimat donnu nesa li f'Jannar tal-2014, huwa kien għamel ittra rogatorja lill-awtoritajiet Żvizzeri biex iġib l-informazzjoni dwar il-każ magħruf bħala 'l-iskandlu taż-żejt'. Qal li għalhekk l-intimat hu żbaljat meta jgħid li hu m'għamel xejn dwar din l-investigazzjoni. Qal ukoll li l-fatt li l-awtoritajiet Żvizzeri ma bagħtux l-informazzjoni, huwa m'għandu l-ebda kontroll fuqu. Semma persuna li ġiet investigata minnu, li huwa membru tal-familja tiegħu, u qal li huwa qatt ma ħares lejn wiċċ ħadd. Ir-rikorrent qal li meta din il-persuna ġiet illiberata, huwa stess appella mid-deċiżjoni, u l-intimat naqas milli jsemmi dan fil-*video blog* tiegħu.

5. Xehdet ukoll **Dr Lara Lanfranco**, dak iż-żmien avukat fl-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, li spjegat il-proċess li ttieħed qabel inbdew proċeduri kriminali fil-konfront fost l-oħrajn ta' ċertu Ray Ferris, fir-rigward tal-'iskandlu taż-żejt' li kien qam ftit qabel l-elezzjoni tal-2013. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tal-appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs.* Raymond Ferris**, u diversi dokumenti oħra relatati mal-każ.

6. F'udjenza sussegwenti, ir-rikorrent xehed dwar l-allegazzjoni li saret mill-intimat, li Ray Ferris ġie liberat għaliex l-investigazzjoni tmexxiet proprju mir-

rikorrent. Qal li Ray Ferris kien wieħed mill-persuni akkużati b'tixħim fl-'iskandlu taż-żejt', u l-investigazzjonijiet kienu tmexxew mill-Assistent Kummissarju Michael Cassar, u mis-Supretendent Pawlu Vassallo u l-Ispettur Angelo Gafà, lura fi Frar tal-2013. Qal li sussegwentement f'Ġunju tal-istess sena, kien hemm ċaqliq fl-uffiċċju tiegħu, bir-riżultat li l-*files* li kien hemm fl-uffiċċju tal-Ispettur Angelo Gafà ġew riferuti kollha fl-uffiċċju tar-rikorrent, sabiex ikun hu li jkompli l-prosekuzzjonijiet kollha li kienu nbdew. Qal li meta ntalab jinvestiga lil Ray Ferris, huwa kien ġibed l-attenzjoni tas-superjuri tiegħu li dan huwa qarib tiegħu, iżda madanakollu huwa xorta waħda ntalab ikompli bl-investigazzjoni. Qal ukoll li meta ngħatat is-sentenza li eventwalment illiberat lil Ferris, huwa ma qabilx magħha, tant hu hekk li ppreżenta appell minnha.

7. L-**Ispettur Rennie Stivala** xehed li f'dan il-każ kien hemm il-parir tal-Avukat Ġenerali biex il-minuti u dokumenti privileġġati ma jiġux esebiti quddiem il-Qorti. Iżda x-xhud kkonferma li l-investigazzjoni tal-persuni kollha involuti f'dak li ssejjaħ 'l-iskandlu taż-żejt', kienet inbdiet mill-Ispettur Angelo Gafà u wara tkompliet mir-rikorrent.

8. **Paul Vassallo**, li serva għal snin twil fil-korp tal-Pulizija, qal li l-aħħar kariga li serva fiha kienet bħala supretendent fit-taqsima tar-reati ekonomiċi. Ix-xhud qal li meta l-attur kien semma li kien hemm persuna li tiġi minnu mill-bogħod li kienet qiegħda tiġi investigata, id-direzzjoni li ngħatat kienet li r-rikorrent kellu jkompli bl-investigazzjoni xorta waħda.

9. L-intimat **Saviour Balzan**, qal li l-punt tal-*video blog* li jifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri, huwa li sas-sena 2017 l-investigazzjonijiet dwar dak li fil-pajjiż issejjaħ 'l-iskandlu taż-żejt' kienu għadhom ma ngħalqux, u qal ukoll li huwa kien

jaf li r-rikorrent kien qiegħed jinvestiga persuna li tiġi minnu, xi ħaġa li fil-Pulizija m'għandhiex tiġri. Qal li dak il-ħin huwa ma kienx qiegħed jirrapporta, iżda kien qiegħed biss jesprimi opinjoni. L-intimat qal li huwa rrefera għar-rikorrent bħala 'Inspector Clouseau' għaliex kien hemm raġunijiet għalfejn dan tkeċċa mill-FIAU, u anki għaliex kien ser jiġi mfittex għal sperġur f'każijiet oħra. Qal ukoll li huwa jaf li persuni li ġew investigati, għadhom liberi biex jibqgħu għaddejjin bl-attivitajiet kummerċjali tagħhom.

## Is-Sentenza Appellata

10. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-21 ta' Marzu, 2022, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talbiet tal-attur billi ddikjarat li għajr fejn ingħad mod ieħor, il-*video blog* ippubblikat mill-konvenut fis-17 ta' Lulju, 2017 huwa libelluż u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-attur. Konsegwentement ikkundannat lill-konvenut iħallas lir-rikorrent is-somma ta' €3,000 bħala danni ai termini tal-artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-imgħax mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"L-ewwel eċċezzjoni: identifikazzjoni tal-partijiet allegatament libellużi***

12. *L-ewwel eċċezzjoni hija ta' natura preliminari u ġiet sorvolata matul il-kawża u partikolarment fin-nota ta' sottomissjonijiet finali meta ġew identifikati mir-rikorrent dawk il-brani mill-*video blog *li huwa jqis bħala libellużi.*

***It-tieni eċċezzjoni: l-*****exceptio veritatis** ***(il-verità tal-fatti)***

13. *It-tieni eċċezzjoni mressqa mill-intimat hija dik illi "*l-fatti esposti fil-*video blog de quo* huma sostanzjalment veritieri, u ma jikkontjenu l-ebda allegazzjoni falza" *u b'hekk qed jerfa' r-responsabbilità, mhux żgħira, ta' dak li ġie ppubblikat.*

*X'jgħidu l-awturi u x'tgħid il-każistika*

14. *Kif ingħad mill-Gatley:*

"Where the defendant pleads justification simpliciter the burden lies on him to prove the truth of the words in their natual and ordinary meaning. A plea of justification means that all the words were true and covers not only the bare statements of facts in the alleged libel but also any imputation which the words in their context may be taken to convey ... The defendant will establish his plea if he proves that the gist or sting of the libel is true ..." *(fn. 19 Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 8th ed. Paras. 13889-1390, pp. 568-569)*

15. *Dwar id-difiża tal-verità tal-fatti (*"plea of justification"*) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sostniet fis-sentenza fl-ismijiet* ***Brian Ebejer v. Dennis Degiorgo*** *(Referenza: 2066/1998/JRM deċiża fid-29 ta' Settembru, 2011) li: "*Irid jingħad li meta l-parti mħarrka tistrieħ fuq eċċezzjoni bħal dik, titfa' fuqha nnifisha r-responsabbilità kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni li tkun. Fl-istess ħin, tidħol għall-piż li turi kif jixraq li l-fatti msemmija f'tali pubblikazzjoni jkunu sostanzjalment minnhom. Huwa f'dan ir-rigward stabbilit li "in order to succeed upon a plea of justification the onus lies upon the defendant to prove that the whole of the defamatory matter complained of, that is to say the words themselves and any reasonable inference to be drawn from them, are substantially true. ... for the defence to be successful it is not necessary that every 't' should be crossed and every 'i' dotted; it is sufficient if the substance of the libellous statement be justified." *(fn. 20 Fil-paragrafu kkwotat, l-Onor. Imħallef Joseph R. Micallef kien ikkwota ukoll bran minn "Carter Ruck Libel and Slander (3rd. Edit.) paġna 86).*

16. *Hekk ukoll fis-sentenza fl-ismijiet: '****Alex Torpiano et. pro et noe v. Jose Herrera'****(ECLI:MT:AINF:2017:104601 deċiża fit-30 ta' Jannar, 2017), il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qieset: "*Illi huwa meqjus li s-suċċess tal-prova ta' din it-"tingiża" tal-libell ma jseħħx biss billi wieħed jallega fatti ġeneriċi jew mhux marbuta mal-kliem użat fil-pubblikazzjoni impunjata, iżda jridu jkunu fatti li jsejsu dak li jkun inkiteb. Il-fatt pruvat irid ikun ġrajja li seħħet u mhux sempliċi stħajjil f'moħħ min ikun fassal il-pubblikazzjoni, ikun hemm ikun konvint li jemmen dak l-istħajjil. "A writer of libellous matter sometimes seeks to excuse himself by saying that the believed in the truth of the imputation; but this belief – however honest – is wholly irrelevant in regard to deciding upon liability, although such belief may be of value as evidence in mitigation of damages."

Il-Liġi

17. *Għall-finijiet ta' din il-kawża, din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija*

*ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa' taħt waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u ċioe:*

"1. Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew

2. Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onestà, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew

3. Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew

4. Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew

5. Ikollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali."

18. *Fiż-żmien in kwistjoni r-rikorrent kien Spettur fil-korp tal-Pulizija u allura kien uffiċjal pubbliku apparti li kien ukoll uffiċjal tal-FIAU. Il-kummenti mertu ta' din il-kawża u l-allegazzjonijiet attribwiti lilu mill-intimat kienu dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu. Inoltre r-rikorrent kien jokkupa kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali stante illi kien involut fil-prosekuzzjoni tal-każijiet magħrufa bħala dawk tal-iskandlu taż-żejt. Mhemmx dubju għalhekk li din l-eċċezzjoni setgħet titqajjem b'mod validu fil-konfront tiegħu.*

19. *Jibqa' neċessarju l-eżerċizzju dwar jekk l-intimat irnexxielux bil-provi li ressaq tul din il-kawża isostni din l-hekk imsejħa* exceptio veritatis.

It-tifsira singulari tal-kummenti lamentati

20. *Qabel xejn il-Qorti trid tidentifika x'tifsira singulari u ordinarja għandha tingħata lill-kummenti magħmula mill-intimat għax huwa f'dak l-istadju imbagħad li tista' tgħaddi sabiex tikkunsidra l-validità o meno tal-eċċezzjoni mressqa minnu.*

21. *Fuq l-"*Ordinary Meaning of Words" *fil-liġi komuni Ingliża l-Gatley jgħid hekk:*

"While some indication, express or implied, of what underlies the alleged comment is necessary the ultimate question on whether the words are comment or fact is how they would strike the ordinary, reasonable reader and it is unlikely that any attempt to formulate general principles of construction will be of much help, especially bearing in mind that any particular statement must be taken in the context of the piece as a whole ... Context: Words must always be read in their context and the context of the piece as a whole may point to the conclusion that words which could, taken literally, be statement of fact are comment." *(fn. 21 Gatley on Libel and Slander (11th. Edition), (2008), The Common Law Library, ed. Milton P et. al., para. 12.10-12.11, p. 346)*

22. *Fis-sentenza mogħtija mill-*House of Lords *(li l-funzjoni ġudizzjarja tagħhom illum tappartjeni lill-Qorti Suprema tar-Renju Unit) fl-ismijiet:* ***Lewis v. Daily Telegraph (1964) AC 234*** *inter alia ingħad is-segwenti minn Lord Devlin:*

"The ordinary meaning of words and the meaning enlarged by innuendo give rise to separate causes of action, but there has also been a divergence between the popular and the legal meaning of "innuendo". The natural and ordinary meaning of words for the purposes of defamation is not their natural and ordinary meaning for other purposes of law. There must be added to the implications which a court is prepared to make as a matter of construction all such insinuations and innuendoes as could reasonably be read into them by the ordinary man ...

... My Lords, the natural and ordinary meaning of words ought in theory to be the same for the lawyer as for the layman, because the lawyer's first rule of construction is that words are to be given their natural and ordinary meaning as popularly understood. The preposition that ordinary words are the same for the lawyer as for the layman is a matter of pure construction undoubtedly true. But it is very difficult to draw the line between pure construction and implication, and the layman's capacity for implication is much greater than the lawyer's. The lawyer's rule is that the implication must be necessary as well as reasonable. The layman reads in an implication much more freely; and unfortunately, as the law of defamation has to take into account, is especially prone to do so when it is derogatory."

23. *Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales,* ***Slim and Others v. Daily Telegraph Ltd. and Others (1968) 2 Q.B. 157*** *Lord Diplock qal is-segwenti fuq id-duttrina tas-"*Single Meaning" *stabbilita fil-*Common Law:

"In the spring of 1964 two short letters appeared in the correspondence columns of the "Daily Telegraph". Written by Mr. Herbert, they formed part of a robust though desultory controversy about the prospective use by motor vehicles of a public footpath forming part of Upper Mall in Hammersmith. Neither letter can have taken a literate reader of that newspaper more than 60 seconds to read before passing on to some other, and perhaps more interesting, item. Any unfavourable inference about the plaintiffs' characters or conduct which he might have drawn from what he read would have been one of first impression. Yet in this court three lord justices and four counsel have spent the best part of three days upon a minute linguistic analysis of every phrase used in each of the letters. If this protracted exercise in logical positivism has resulted in our reaching

a conclusion as to the meaning of either letter different from the first impression which we formed on reading it, the conclusion reached is unlikely to reflect the impression of the plaintiff's character or conduct which was actually formed by those who read the letters in their morning newspaper in 1964.

Nevertheless, the artificial and archaic character of the tort of libel makes the exercise necessary in this appeal, even though in the end we return to the first impression with which we began. Libel is concerned with the meaning of words. Everyone outside a court of law recognises that words are imprecise instruments for communicating the thoughts of one man to another. The same words may be understood by one man in a different meaning from that in which they are understood by another and both meanings may be different from that which the author of the words intended to convey. But the notion that the same words should bear different meanings to different men and that more than one meaning should be "right" conflicts with the whole training of a lawyer. Words are the tools of his trade. He uses them to define legal rights and duties. They do not achieve that purpose unless there can be attributed to them a single meaning as the "right" meaning. And so the argument between lawyers as to the meaning of words starts with the unexpressed major premise that any particular combination of words has one meaning which is not necessarily the same as that intended by him who published them or understood by any of those who read them but is capable of ascertainment as being the "right" meaning by the adjudicator to whom the law confides the responsibility of determining it.

That is what makes the meaning ascribed to words for the purposes of the tort of libel so artificial. In the present appeal, although legal innuendoes (see Lewis v. Daily Telegraph Ltd) have been pleaded, no reliance has been placed in the argument upon them. The whole discussion has been about the "natural and ordinary meaning" of the words used in the letters. What is the "natural and ordinary meaning" of words for the purposes of the law of libel? **One can start by saying that the meaning intended to be conveyed by the publisher of the words is irrelevant** *(sottolinear u enfasi tal-Qorti).* However evil the imputation upon the plaintiff's character or conduct he intended to communicate, it does not matter if, in the opinion of the adjudicator upon the meaning of the words, they did not bear any defamatory meaning. However innocent an impression of the plaintiff's character or conduct the publisher of the words intended to communicate, it does not matter if, in the opinion of the adjudicator upon the meaning of words, they did bear a defamatory meaning. This would be rational enough if the purpose of the law of libel were to afford compensation to the

citizen for the unjustifiable injury to his reputation actually caused by the publication of the words to those to whom they were communicated. But although in assessing damages the courts now accept this as the purpose of the civil action (see Rookes v. Barnard and McCarey v. Associated Newpapers Ltd. (No. 2), we refuse to accept its logical corollary that the relevant question in determining liability for libel is: "What did those to whom the words were published actually understand them to mean?" The best evidence of that would be the evidence of the persons to whom the words were actually published. Yet, save in exceptional cases where a "legal" innuendo is relied on, it is not even permitted to ask a witness to whom the words were published: "What did you understand them to mean?" What he did actually understand them to mean does not matter. This too might be rationalised on the ground that the publisher of the words ought to be responsible in law only for the injury caused to the plaintiff's reputation by those defamatory inferences which a reasonable man might draw from the words published, and the witness to whom the words were published may not have been reasonable in drawing the defamatory inferences which he in fact drew. But this rationalisation breaks down once it is conceded, as it has been by the House of Lords in Lewis v. Daily Telegraph, that one man might be reasonable in drawing one defamatory inference from the words and another man might be reasonable in drawing another defamatory inference. Where, as in the present case, words are published to the millions of readers of a popular newspaper, the chances are that if the words are reasonably capable of being understood as bearing more than one meaning, some readers will have understood them as bearing one of those meanings and some will have understood them as bearing others of those meanings. But none of this matters. What does matter is what the adjudicators at the trial thinks is the one and only meaning that the readers as reasonable men should have collectively understood the words to bear. That is "the natural and ordinary meaning" of words in an action for libel."

24. *Din id-duttrina ġiet ikkritikata matul iż-żminijiet u ġiet ukoll imwarrba f'dawk il-kawżi ta' libell li jirrigwardaw "*malicious falsehood" *u l-privileġġ kwalifikat fosthom tal-kondotta tal-ġurnalist fil-pubblikazzjoni ta' artikolu* ("journalistic conduct") *(fn. 22 Ara per eżempju* ***Reynolds v. Times Newspapers Ltd (2001) 2 AC 127, Jameel & Ors v. Wall Street Journal Europe Sprl (2006) UKHL 44*** *u* ***Bonnick v. Morris (2002) 3 WLR 820****). Madanakollu anke meta ġiet iffaċċjata bi kritika, xi kultant ħarxa, l-utilità ta' din id-duttrina ġiet xorta waħda rikonoxxuta:*

"Language is inherently imprecise. Words and phrases and sentences take their colour from their context. The context often permits a range of meanings, varying from the obvious to the implausible. Different readers may well form different views on the meaning to be given to the language under consideration. Should the law take this into account when applying the objective standard of reasonable journalism? Or should the law simply apply the objective standard of responsible journalism to the single meaning the law attributes to the offending words, regardless of how reasonable it would be for a journalist or editor to read the words in a different, non-defamatory sense? ... At first sight there might seem to be some legal logic in applying the latter approach. The "single meaning" rule adopted in the law of defamation is in one sense highly artificial, given the range of meanings the impugned words sometimes bear. ... **Nevertheless, given the ambiguity of language, the rule does represent a fair and workable method for deciding whether the words under consideration should be treated as defamatory. To determine liability by reference to the meaning an ordinary reasonable reader would give the words is unexceptionable** *(emfasi miżjuda mill-Qorti)." (fn. 23* ***Bonnick v. Morris (2002) 3 WLR 820****).*

25. *Imbagħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales,* ***Gillick v Brook Advisory Centres & Anor (2001) EWCA Civ 1263*** *il-Qorti kienet enfatika meta kkwotat lill-Qorti tal-Ewwel Istanza (Imħallef J. Eady):*

"Eady J produced what, if I may respectfully say so, was an impeccable synthesis of the authorities in this area of the law when directing himself as to the approach he should adopt to the respondents' application. I can do no better than to repeat this: "The proper role for the judge when adjudicating a question of this kind is to evaluate the words complained of and to delimit the range of meanings of which the words are reasonably capable, exercising his or her own judgment in the light of the principle laid down in the authorities ... If the judge decides that any pleaded meaning falls outside the permissible range, then it will be his duty to rule accordingly. In deciding whether words are capable of conveying a defamatory meaning, the court should reject those meanings which can only emerge as the produce of some strained or forced or utterly unreasonable explanation. The purpose of the new rule is to enable the court to fix in advance the ground rules and permissible meanings, which are of cardinal importance in defamation actions, not only for the purpose of assessing the degree of injury to the claimant's reputation but also for the purpose of evaluating any defences raised, in particular, justification and fair commment. **The court should give the article the natural and ordinary meaning which it**

**would have conveyed to the ordinary reasonable reader reading the article once** *(emfażi miżjuda mill-Qorti)*. Hypothetical reasonable readers should not be treated as either naive or unduly suspicious. They should be treated as being capable of reading between the lines and engaging in some loose thinking, but not as being avid for scandal. **The court should avoid an over-elaborate analysis of the article, because an ordinary reader would not analyse the article as a lawyer or accountant would analyse documents or accounts** (emfażi miżjuda mill-Qorti). Judges should have regard to the impression the article has made upon themselves in considering what impact it would have made on the hypothetical reasonable reader. **The court should certainly not take a too literal approach to its task**. *(emfażi miżjuda mill-Qorti)."*

26. *Fis-sentenza tal-High Court tal-Ingilterra u Wales fl-ismijiet* ***<u>Lowe v Associated Newspapers Ltd (2006) 3 All ER 357</u>*** *ġie kkonfermat ukoll illi d-duttrina tat-tifsira singulari tapplika ukoll għall-każijiet tad-difiża tal-*fair comment *minkejja li f'dik il-kawża kienet saret talba speċifika lill-Qorti appuntu sabiex teskludi l-applikazzjoni tad-duttrina f'tali każijiet.*

27. *Il-Qorti tqis li s-*single meanings *illi bniedem ta' intelliġenza ordinarja seta' raġjonevolment jagħti lill-kummenti segwenti tal-intimat huma dawn:*

- *Dwar il-parti fejn iqabbel lir-rikorrent mal-Ispettur Clouseau u jgħid li fl-investigazzjoni marbuta mal-iskandlu taż-żejt, "*fejn konna bqajna u fejn konna bqajna": *Il-Qorti tqis illi l-karattru satiriku fittizju msemmi mill-intimat huwa wieħed magħruf għall-inkompetenza tiegħu bħala* detective *u spettur tal-pulizija. Tqis ukoll li qarrej ordinarju ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn l-istadju ta'* "investigazzjoni" *qabel ma każ jitressaq il-Qorti u l-istadju ta'* "prosekuzzjoni" *meta każ jitmexxa fil-Qorti. Għalhekk it-tifsira singulari u ordinarja ta' dan il-kumment hija illi* ***r-rikorrent kien inkompetenti fit-tmexxija tiegħu tal-kawżi relatati mal-iskandlu taż-żejt.***
- *Dwar il-parti fejn qal illi r-rikorrent ma semmiex fl-intervista li kellu mal-gazzetta* The Times *illi huwa mhux suppost kellu jħarrek lil xi ħadd mill-familja tiegħu u li l-investigazzjoni kontra dan spiċċat fix-xejn għaliex kien ġie lliberat. Fuq il-kwistjoni illi effettivament irriżulta illi Raymond Ferris huwa l-kuġin ta' missier ir-rikorrent u mhux il-kuġin tiegħu, il-Qorti ma tqisx li din id-distinzjoni hija waħda illi tbiddel in-natura tal-allegazzjoni ġialadarba l-persuna in kwistjoni xorta waħda tista' titqies bħala membru tal-familja estiża tar-rikorrent. It-tifsira singulari u ordinarja ta' dan il-kumment u l-*innuendo *hija illi* ***r-rikorrent mhux biss kellu kunflitt ta' interess fil-***

***prosekuzzjoni ta' Raymond Ferris iżda inoltre kien abbuża minn dan il-kunflitt b'konsegwenza illi dan ġie inġustament illiberat.***

- *Dwar il-kumment illi r-rikorent "Alla jbierek" baqa' jinsisti illi kellu kull dritt jinvestiga l-allegazzjonijiet ta' Maria Efimova minkejja illi kien investiga lilha fil-passat, it-tifsira singulari ordinarja hija dik illi* ***r-rikorrent ma apprezzax li kellu kunflitt ta' interess f'din il-kwistjoni.***

Il-verità o meno tal-allegazzjonijiet – l-allegazzjoni ta' inkompetenza fl-iskandlu taż-żejt

28. *L-intimat qed jgħid illi huwa sostanzjalment vera illi r-rikorrent kien inkompetenti fit-tmexxija tiegħu tal-kawżi relatati mal-iskandlu taż-żejt.*

29. *Wara li kellha ċans tifli l-verbali a fol. 185-350 u wara li qieset ix-xhieda li tat Dr Lara Lanfranco, jirriżulta lil din il-Qorti s-segwenti:*

30. *Fil-każ* ***Il-Pulizija v. Francis Portelli u Anthony Cassar****:*

- *Kien hemm total ta' 30 seduta fil-perijodu li r-rikorrent kien mexxa l-Prosekuzzjoni tal-kawża li matulhom ittellgħu jixhdu 12-il xhud*
- *F'70% tas-seduti ma kien sar xejn iżda kien biss f'madwar 7% tas-seduti (ossia żewġ seduti) li ma kien sar xejn minħabba raġuni attribwibbli lir-rikorrent. Darba minnhom kien imsiefer u darb'oħra kien impenjat b'xogħol ta' natura urġenti. Ta' min jirrimarka ukoll illi fi tliet istanzi separati, għalkemm ir-rikorrent kien indispost għal xi raġuni jew oħra huwa xorta kien bagħat lil Spettur ieħor sabiex ikompli l-kawża minfloku u dan anke meta kien ħtieġlu jattendi għal funeral tal-familja.*
- *Il-kawża kienet ilha sospiża minn April 2015 minħabba li kienu ntalbu r-rogatorji u dawn ma kinux ġew sodisfatti mill-awtoritajiet esteri.*

31. *Fil-każ* ***Il-Pulizija v. Tancred Tabone****:*

- *Kien hemm total ta' 31 seduta fil-perijodu li r-rikorrent kien mexxa l-Prosekuzzjoni tal-kawża li matulhom ittellgħu jixhdu 15-il xhud*
- *Fi kważi 52% tas-seduti ma kien sar xejn iżda kien biss f'madwar 13% tas-seduti (ossia erba' seduti) li ma kien sar xejn minħabba xi raġuni attribwibbli lir-rikorrent. Darba minnhom ir-rikorrent baqa' ma tfaċċax, darb'oħra kellu jallontana mill-Qorti fuq raġunijiet familjari, f'okkażjoni oħra saret talba għal differiment mill-Kummissarju tal-Pulizija u darb'oħra kien talab differiment minħabba li kien impenjat fil-Qorti tal-Appell. Ta' min jirrimarka ukoll illi f'okkażjoni waħda, għalkemm ir-rikorrent kien indispost għal xi raġuni jew oħra huwa kien bagħat lil Spettur ieħor sabiex ikompli l-kawża minfloku.*

- *F'numru konsiderevoli ta' seduti nqalgħu kwistjonijiet ta' materja legali fir-rigward tar-rogatorji.*

32. *Fil-każ* ***Il-Pulizija v. Tarcisio Mifsud****:*

- *Kien hemm total ta' 29 seduta fil-perijodu li r-rikorrent kien mexxa l-Prosekuzzjoni tal-kawża li matulhom ittellgħu jixhdu 15-il xhud*
- *Fi ftit iżjed minn 55% tas-seduti ma kien sar xejn iżda kien biss f'madwar 14% tas-seduti (ossia erba' seduti) li ma kien sar xejn minħabba xi raġuni attribwibbli lir-rikorrent. Darba minnhom ir-rikorrent kien imsiefer, darba minnhom kien bagħat jinforma lill-Qorti li kien indispost, darb'oħra kien maqbud f'inkjesta, f'okkażjoni oħra baqa' ma tfaċċax u fl-okkażjoni l-oħra kienet saret talba għal differiment mill-Kummissarju tal-Pulizija.*
- *Skont Dr Lara Lanfranco, kien hemm issue partikolari li kienet qed tistaġna din il-kawża u dik kontra Alfred Mallia minħabba li "*x-xhieda ta' Alfred Mallia kienet rikjesta f'dik ta' Tarcisio Mifsud and vice versa, allura kien hemm daqsxejn ta' problema hemmhekk."

33. *Fil-każ* ***Il-Pulizija v. Alfred Mallia****:*

- *Kien hemm total ta' 29 seduta fil-perijodu li r-rikorrent kien mexxa l-Prosekuzzjoni tal-kawża li matulhom ittellgħu jixhdu 16-il xhud*
- *Fi ftit iżjed minn 62% tas-seduti ma kien sar xejn iżda kien biss f'madwar 14% tas-seduti (ossia erba' seduti) li ma kien sar xejn minħabba raġuni attribwibbli lir-rikorrent. F'żewġ okkażjonijiet ir-rikorrent kien talab differiment għal raġunijiet mhux indikati fil-verbali, darb'oħra kien impenjat f'awla oħra u fl-okkażjoni l-oħra kien talab differiment biex jilħaq iħarrek żewġ xhieda li ma kinux tħarrku.*
- *Kif ingħad aktar 'il fuq skont Dr. Lara Lanfranco kien hemm issue partikolari li kienet qed tistaġna din il-kawża u dik kontra Tarcisio Mifsud minħabba li kien hemm il-ħtieġa li x-xhieda ta' kawża tinstema' fl-oħra u vice versa.*

34. *Fil-każ* ***Il-Pulizija v. Frank Sammut****:*

- *Kien hemm total ta' 27 seduta fil-perijodu li r-rikorrent kien mexxa l-Prosekuzzjoni tal-kawża li matulhom ittellgħu jixhdu 20 xhud.*
- *Fi ftit iżjed minn 15% tas-seduti ma kien sar xejn iżda kien biss f'madwar 15% tas-seduti (ossia erba' seduti) li ma kien sar xejn minħabba xi raġuni attribwibbli lir-rikorrent. F'żewġ okkażjonijiet ir-rikorrent kien talab differiment għal raġunijiet mhux indikati fil-verbali, darb'oħra kien imsiefer u fl-okkażjoni l-oħra kien baqa' ma tfaċċax.*

- *Il-kawża kienet ilha sospiża minn Settembru 2014 minħabba li kienu ntalbu r-rogatorji u kien hemm il-kwistjoni bejn l-awtoritajiet lokali u dawk tal-pajjiż minn fejn intalbu r-rogatorji.*

35. *Għalhekk jirriżulta mill-kawżi kollha li kien hemm total ta' 146-il seduta fil-perijodu li r-rikorrent mexxa l-Prosekuzzjoni tagħhom li matulhom ittellgħu jixhdu 78 xhud. Fi kważi 59% tas-seduti ma kien sar xejn iżda biss f'madwar 12% tas-seduti li ma kien sar xejn minħabba xi raġuni attribwibbli lir-rikorrent. Xejn ma taqbel il-Qorti mal-argument postulat mill-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu illi r-rikorrenti għandu jerfa' r-responsabbilità tad-drabi l-oħra fejn ma kien sar xejn bi qbil bejn il-partijiet. Il-Qorti tqis illi argument bħal dan mhuwiex sorrett mill-provi apparti illi huwa inġust fuq ir-rikorrent għaliex jitfa' t-tort fuqu u jassumi illi r-rikorrent seta' jikkontrolla dak kollu li ġara u ma ġarax matul is-seduti.*

36. *Din l-istatistika ma tieħux konsiderazzjoni l-kawża l-oħra relatata mal-iskandlu taż-żejt, ossia dik kontra Raymond Ferris, li r-rikorrent kien wiret mingħand l-Ispettur Gafà u li kienet tkompliet titmexxa minnu sakemm ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati u appellata mill-istess rikorrent. Sussegwentement din għaddiet in ġudikat iżda r-rikorrent ma kellux x'jaqsam mal-andament tal-kawża fl-appell oltre mir-rikors tal-appell innifsu.*

37. *Minn dan kollu u mill-provi miġjuba jirriżulta lill-Qorti illi f'dawn il-kawżi kollha kienu ftit ħafna l-okkażjonijiet fejn seduta kienet inħliet minħabba l-indisponibbilità tar-rikorrent. Jirriżulta wkoll illi fejn seta' jagħmel hekk, il-kawżi kienu tmexxew mir-rikorrent b'mod effiċjenti u li x-xhieda ttellgħu b'mod regolari. Għalhekk id-difiża tal-verità ta' din l-allegazzjoni ma tistax tiġi milqugħa.*

Il-verità o meno tal-allegazzjonijiet – l-allegazzjoni ta' abbuż ta' kunflitt ta' interess

38. *L-intimat qed jgħid illi huwa sostanzjalment vera illi r-rikorrent mhux biss kellu kunflitt ta' interess fil-prosekuzzjoni ta' Raymond Ferris iżda inoltre kien jabbuża minn dan il-kunflitt b'konsegwenza illi dan kien ġie inġustament illiberat.*

39. *Kif jirriżulta mix-xhieda tal-Avukat, illum Maġistrat, Dr Lara Lanfranco tas-7 ta' Diċembru, 2017 il-każ kontra Raymond Ferris ġie deċiż mill-ewwel Qorti fil-21 ta' Mejju, 2015 f'liema sentenza Ferris kien ġie liberat. Fil-5 ta' Ġunju, 2015 ġie intavolat appell mill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali bl-assistenza tar-rikorrent u l-involviment tiegħu waqaf sa dak l-istadju. L-appell eventwalment ġie trattat u permezz ta' sentenza (fn. 24 ... ) deċiża fis-17 ta' Marzu, 2016 il-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat l-ewwel sentenza. (fn. 25 Fol. 33-41 (Dok. LL1) ippreżentat mix-xhud Dr Lara Lanfranco prodotta mir-rikorrenti fis-seduta tas-7 ta' Diċembru,*

*2017). Ix-xhud spjegat li bħala avukat fl-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali hija kienet involuta f'dan il-każ mill-bidu nett, liema każ kien wieħed mill-każijiet li kellu x'jaqsam mal-iskandlu taż-żejt. Ikkonfermat ukoll li l-akkużi kienu nħarġu fit-28 ta' Frar, 2013 mill-Ispettur, illum Kummissarju, Angelo Gafà, u li r-rikorrent ħa l-każ f'idejh ftit xhur wara meta l-Ispettur Gafà kien ġie ttrasferit għall-Malta Security Services. Ħafna mill-provi nstemgħu meta r-rikorrent kien il-prosekutur. Ikkonfermat dak li xehed ir-rikorrent u ċioe li qabel ma sar l-appell is-Sur Ferris u hi kienu ddiskutew il-każ flimkien u kienet ittieħdet deċiżjoni biex jiġi intavolat l-appell.*

40. *Ir-rikorrent Jonathan Ferris fix-xhieda tiegħu tal-15 ta' Marzu, 2018 spjega li Raymond Ferris kien wieħed min-nies akkużati b'tixħim fil-każ tal-*oil procurement scandal *liema kawżi bdew jitmexxew mill-Assistent Kummissarju Michael Cassar, mis-Supretendent Pawlu Vassallo u mill-Ispettur Angelo Gafà fi Frar 2013 qabel ma ġew assenjati lilu f'Ġunju 2013. Skont ir-rikorrent, huwa ma kienx ħassu komdu li kien ser imexxi wkoll il-kawża tal-kuġin ta' missieru u għalhekk kien qal b'dan lill-Kummissarju ta' dak iż-żmien. Madanakollu dan insista miegħu li jkompli l-każ hu flimkien mal-kawżi l-oħra għaliex hu kien wieħed mill-ftit li kien jaf il-każ sew u għaliex kellu fiduċja fih. Ir-rikorrent argumenta illi kieku verament ried jabbuża mill-parentela tiegħu kieku ma kienx ser jieħu l-briga li jagħmel l-appell minnha. Apparti hekk l-Ewwel Qorti kienet faħħritu fis-sentenza tagħha għall-mod kif kien tratta l-każ quddiemha.*

41. *Is-Supretendent irtirat Pawlu Vassallo, xehed li l-ordni biex ir-rikorrent ikompli l-prosekuzzjoni tal-kawżi relatati mal-iskandlu taż-żejt kienet ħarġet mill-Kummissarju ta' dak iż-żmien Peter Paul Zammit. Fuq il-kwistjoni tal-konflitt ta' interess imqajma fil-video blog spjega illi huwa kien avviċina lill-Kummissarju tal-Pulizija biex ikellmu fuqha:*

"kellimt lil Ferris qalli daka ma jiġix minni ... jiġi xi ħaġa mill-bogħod minnu. Ma kontx daqshekk kuntent, konna quddiem il-Kummissarju jiena u Ferris u tellajt is-suġġett, ippreżentajt is-suġġett quddiem is-Sur Zammit, għidtlu hekk u hekk u qalli jien ma narax problemi. Jien kuntent li jkompli. Ikompli."

42. *Fix-xhieda tiegħu l-intimat Saviour Balzan ammetta illi huwa ma kienx jaf li r-rikorrent kien ingħata struzzjonijiet mill-Kummissarju sabiex ikompli l-prosekuzzjoni tal-każ kontra s-secondo kuġin tiegħu. Lanqas ma kien jaf li l-Qorti kienet esprimiet kliem ta' tifħir għax-xogħol li kien wettaq f'dik il-kawża r-rikorrent jew min kien għamel l-appell mis-sentenza kontra Raymond Ferris.*

43. *Mill-provi mressqa mhux talli ma jirriżultax illi r-rikorrent kien abbuża minn xi kunflitt ta' interess iżda inoltre ħareġ illi huwa kien ġie speċifikament awtorizzat sabiex imexxi l-prosekuzzjoni minkejja li kien jiġi s-secondo kuġin tal-akkużat. Ħareġ ukoll illi huwa qeda dmiru sew u li l-liberatorja ma kienet bl-ebda mod riżultat ta' xi dolo jew culpa min-naħa tiegħu. Għalhekk id-difiża tal-verità tal-fatti fir-rigward ta' dan il-kumment ma treġġix u ma tistax tiġi milqugħa.*

Il-verità o meno tal-allegazzjonijiet – l-allegazzjoni dwar nuqqas ta' għarfien ta' kunflitt ta' interess fil-każ ta' Maria Efimova

44. *L-intimat qed jgħid ukoll illi fil-kwistjoni tal-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet miġjuba minn Maria Efimova, ir-rikorrent wera li ma jafx xi tfisser li jkollu kunflitt ta' interess fix-xogħol tiegħu.*

45. *F'dan ir-rigward joħroġ mill-provi illi meta kien fl-FIAU r-rikorrent kien twaqqaf milli jinvestiga l-allegazzjonijiet kontra l-istess Efimova peress illi dan kien preċedentement investigaha u ressaq każ kontriha fil-Qorti. Fix-xhieda tiegħu r-rikorrent daħal f'ċertu dettall għaliex fil-fehma tiegħu ma kienx hemm kunflitt ta' interess u li l-fatt li kien investiga lil Maria Efimova f'każ ta' misapproprjazzjoni meta kien Spettur ma kellux jimpedih mill-investigazzjoni tal-bank Pilatus meta kien uffiċjal tal-FIAU. Huwa fil-fatt għamilha ċara li ma qabilx mad-deċiżjoni meħuda mill-FIAU. Mill-banda l-oħra l-intimat jgħid li d-deċiżjoni biex ir-rikorrent ma jinvestigax kienet ittieħdet mill-FIAU u kien għalhekk fatt deċiż minn dik l-istituzzjoni. Jargumenta li jekk għall-FIAU dan kien ikkunsidrat bħala konflitt ta' interess ir-rikorrent ma kellux ikompli jargumenta fuqha u kellu jifhem ir-raġuni ta' wara din id-deċiżjoni.*

46. *Kuntrarjament għall-kummenti l-oħra, il-Qorti tqis illi dan il-kumment kien purament konsistenti f'opinjoni u li l-verità tiegħu ġiet ippruvata – mhux fis-sens illi verament ġie ppruvat illi kien hemm xi kunflitt ta' interess (xi ħaġa li l-Qorti tħoss illi huwa suġġett għal interpretazzjoni diversa) – iżda fis-sens illi verament ir-rikorrent ma kienx qiegħed jaċċetta li kellu kunflitt ta' interess f'din il-materja.*

***L-eċċezzjoni tal-fair comment***

47. *L-intimat eċċepixxa ukoll illi: "*fil-maġġor parti tiegħu, il-video blog de quo huwa każ ċar ta' *fair comment,* u li l-esponent kellu u għandu jkollu kull dritt li jikkummenta u jagħmel osservazzjonijiet dwar il-materja in kwistjoni."

48. *Fir-rigward tad-difiża ta'* fair comment, *fis-sentenza* ***<u>London Artists Ltd. v. Emile Littler</u>*** *(England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) il-mibki Lord Denning qal hekk:*

"**The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby (1951) 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot (1952) A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board (1929) 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themelves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery (1959) N.Z.L.R. 274, which was accepted by his court in Broadway Approvals Ltd. v. Odhams Press Ltd. (1965) 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference betweeen a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be."**

49. *Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:*

"**To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair" in the ordinary sense of the word."** *(fn. 26 Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed. Paġna 336)*

50. *Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment *skont Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna (fn. 27 Ara per eżempju **Dr Louis Galea vs. Etienne St John u Felix Agius** (Rif. Nru. 946/1997 JRM deċiża fit-30 ta' April, 2015) huma s-segwenti:*

1. *Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;*
2. *Il-fatti msemmija jridu jkunu sostanzjalment veri;*
3. *Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew diżonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;*
4. *Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u*
5. *Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun;*
6. *Il-kumment irid ikun fuq materja li tkun "*in the public interest" *jew tal-inqas tkun tali li dwarha l-pubbliku jkollu "*a legitimate concern".

51. *Kif ġia ingħad iżjed 'il fuq mhemmx dubbju li l-kummenti tal-intimat saru fuq materja li kienet fl-interess pubbliku u tabilħaqq kwistjoni illi l-pubbliku għandu jkollu* a legitimate concern *dwarha. Madanakollu l-intimat ħtieġlu jipprova illi l-kummenti tiegħu kienu msejsa fuq fatti sostanzjalment veri u ħlief għall-kumment relatat ma' Maria Efimova, irriżulta illi l-fatti esposti minnu "*those which go to the pith and substance of the matter", *kienu sostanzjalment skorretti u għalhekk ma jistgħu qatt ikunu ġustifikati bid-difiża tal-*fair comment.

***L-eċċezzjoni tad-dritt ta' kronaka***

52. *L-aħħar eċċezzjoni mressqa mill-intimat hija dik illi "*il-pubblikazzjoni in desamina kienet ta' interess pubbliku u l-intimat kien qiegħed jaqdi korrettement id-dmir tiegħu li jirrapporta dwar aħbar serja, gravi, u li ġġenerat interess pubbliku."

53. *Il-Qorti kif diġà qalet taqbel illi d-dikjarazzjonijiet impunjati kienu jittrattaw materja ta' interess pubbliku. F'dan ir-rigward intqal mill-Qrati tagħna illi*

"fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Strasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta' kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun milquta minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("*fair*") u li meta jkun hemm ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ." (*fn. 28 App. Ċiv. 26.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Norman Bezzina vs Joe Mifsud** kif ikkwotata fis-sentenza **Louis Galea v. Etienne St. John et** (946/1997/1 JRM, PA, 30/04/2015)*

"ħija regola dottrinali tal-materja aġitata, konfermata wkoll mill-ġurisprudenza, illi d-divulgazzjoni ta' aħbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bħala eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' kronaka. Dan l-eżerċizzju però jibqa' hekk leċitu sakemm jikkorrispondu u jikkonverġu fih dawn l-osservanzi prinċipali: (a) il-verità tal-fatti esposti riżultant minn riċerka serja, diliġenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun neċessarju għas-sodisfazzjon tal-interess pubbliku li jkun mgħarraf b'fatti determinanti ta' rilevanza politika jew soċjali; (ċ) il-kritika trid tkun miżmuma f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendix f'aggressjoni personali jew invettiva." *(fn. 29* ***Albert Caruana v. Gino Cauchi*** *(App. Ċiv. Nru. 775/02, 23/06/2004).*

54. *Kemm mis-sentenzi tal-Qrati tagħna u kemm mill-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta ċar illi d-dritt ta' kronika huwa protett biss meta l-kronaka tkun neċessarja għas-sodisfazzjoni tal-interess pubbliku jew inkella tirrigwarda affarijiet li huma ta'* public concern *u inoltre tkun tikkonċerna fatti veri esposti riżultanti minn riċerka serja, diliġenti u kompleta. Din l-eċċezzjoni ma tistax tintlaqa' (ħlief fir-rigward tal-kumment dwar ir-rwol tar-rikorrent fl-investigazzjoni tal-allegazzjonijiet ta' Maria Efimova) ġaladarba l-fatti esposti kienu żbaljati.*

***Il-prova tal-malafama***

55. *Issa li ġie stabbilit mill-Qorti illi l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti, tal-*fair comment *u tad-dritt ta' kronaka ma jistgħux jiġu milqugħa (għajr għall-kumment dwar ir-rikorrent u Maria Efimova), il-Qorti trid tikkonsidra jekk l-allegazzjonijiet humiex malafamanti fil-konfront tar-rikorrent ossia jekk l-għan tagħhom kienx li tittellef jew titnaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrent.*

56. *Tajjeb jingħad illi fil-*common law *kliem inġurjuż li jattribwixxu t-twettiq ta' reat kriminali ta' ċertu portata huma "*actionable per se" *u l-Qorti ma jkollhiex għalfejn tindaga jekk il-kliem effettivament ikkawżawx ħsara lill-persuna malafamata:*

"Spoken words are also defamatory when the imputation cast by them on the plaintiff is on the face of it so injurious that the Court will presume, without any proof, that his reputation must be impaired thereby. And the Court will so presume in three cases:-

1. Where the words charge the plaintiff with the commission of some indictable offence ...
... Spoken words, which impute that the plaintiff has been guilty of an indictable offence, are actionable without proof of special damage." (fn. 30 Odgers, W B. A

Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases. 1881, p. 54, 55)

57. *Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet:* ***Lawrence Pullicino v. Victor Camilleri et*** *(App. Ċiv. Nru. 992/1997/1) – 28.03.2014):*

"... din il-Qorti tara li għandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirriżulta li mhux veru, għandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruħha meta ssir ħsara għar-reputazzjoni ta' dak li jkun: jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun inġurjuża għad-dinjità ta' dik il-persuna ... L-enfasi hija fuq il-ħtieġa li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tiegħu."

58. *Ġie stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza nostrana (fn. 31 Ara per eżempju* **- *Avukat Dottor Louis Galea v. Frans Ghirxi*** *(Rif. Nru. 947/1997/2 deċiża fid-19 ta' April, 2005) u anke dik Ingliża illi biex wieħed jiddetermina jekk kliem humiex determinanti jew le wieħed għandu japplika t-test tal-bniedem raġonevoli dotat b'intelliġenza ordinarja. Fi kliem Lord Reid fil-kawża* ***Lewis v. Daily Telegraph*** *(fn. 32 1964) A.Ċ. 234, 258):*

"What the ordinary man would infer without special knowledge has generally been called the natural and ordinary meaning of words. But that expression is rather misleading in that it conceals the fact that there are two elements in it. Sometimes it is not necessary to go beyond the words themselves, as where the claimant has been called a thief and a murderer. But more often the sting is not so much in the words themselves as in what the ordinary man will infer from them, and that is also regarded as part of their natural and ordinary meaning."

59. *Issa fir-rigward tal-kumment illi r-rikorrent kien inkompetenti fit-tmexxija tiegħu tal-kawżi relatati mal-iskandlu taż-żejt il-Qorti tirrimarka illi kumment ta' dik in-natura jinfluwixxi serjament fuq il-professjonalità tar-rikorrent li kellu karigi pubbliċi fejn l-effiċjenza u r-rettezza kienu fundamentali fil-ħidma tiegħu. Terġa' u tgħid l-intimat xehed u pparteċipa numru ta' drabi fil-kawżi in kwistjoni u għalhekk kien f'pożizzjoni aħjar minn ħaddieħor sabiex japprezza li r-rikorrent kien qed jaqdi dmiru sew fil-prosekuzzjoni tagħhom.*

60. *L-awtur Ingliż William Blake Odgers fil-ktieb "*A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal cases" *jgħid hekk:*

"Every one of the public is entitled to pass an opinion on everything which in any way invites public attention. Those of the public whose opinion on such matters is best worth having are called critics. From their education, ability, or experience, they can judge with precision (which is the true meaning of the word to criticize), and their opinion, therefore is entitled to respect. Their criticism may be commendatory, but it is, perhaps, more generally unfavourable. Still, so long as it continues to be criticism at all, it is not defamatory. Where defamation commences, true criticism ends. True criticism differs from defamation in the following particulars:-

1. Criticism deals only with such things as invite public attention or call for public comment.
2. Criticism never attacks the individual, but only his work. Such work may be either the policy of a government, the action of a member of Parliament, a public entertainment, a book published, or a picture exhibited. In every case the attack is on a man's acts, or on some thing, and not upon the man himself. A true critic never indulges in personalities.
3. True criticism never imputes or insinuates dishonourable motives (unless justice absolutely requires it, and then only on the clearest proofs).
4. The critic never takes advantage of the occasion to gratify public malice, or to attain any other object beyond the fair discussion of matters of public interest, and the judicious guidance of the public taste.

…

But all comments must be fair and honest. Matters of public interest must be discussed temperately. Worked and corrupt motives should never be wantonly assigned. And it will be no defence that the writer, at the time he wrote, honestly believed in the truth of the charges he was making, if such charges be made recklessly, unreasonably, and without any foundation in fact" (fn. 33 Odgers, W.B. A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases, 1881, p. 36, 37).

*61. Il-Qorti ma taċċettax l-argument tal-intimat fix-xhieda tiegħu li huwa kien qiegħed sempliċiment jikkritika l-fatt illi l-kawżi relatati mal-iskandlu taż-żejt baqgħu jkarkru matul is-snin mingħajr ma kellhom eżitu finali. L-intimat mar oltre minn hekk fil-kritika tiegħu (u dan ġie ribadit anke fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu) billi xeħet it-tort tad-dewmien* in parte *fuq l-inkompetenza tar-rikorrent. Dan sar anke bl-użu ta' tqabbil ma' karattru fittizju storiku li ma tantx*

*jagħmel ġieħ lir-rikorrent. Il-Qorti tqis li din ma kinitx sempliċiment kritika ħarxa iżda b'mod ċar tikkonsisti f'malafama fil-konfront tar-rikorrent.*

62. *Fir-rigward tal-kumment dwar il-fatt illi r-rikorrent mexxa kawża kriminali kontra persuna tal-familja tiegħu b'kunflitt ta' interess u l-inferenza illi din kienet ir-raġuni 'l għala Raymond Ferris ġie lliberat, il-Qorti tara li kumment bħal dan huwa iżjed serju billi jalludi għal aġir ta' natura kriminali. Fix-xhieda tiegħu l-intimat iffoka iżjed fuq dak li sejjaħ bħala dritt tiegħu illi jesprimi opinjoni dwar il-fatt illi* "fil-Pulizija inti ma tinvestigax xi ħadd familjari". *Jista' jkun li dan minnu imma l-intimat donnu nesa illi fil-*video blog *in kwistjoni huwa implika wkoll illi Raymond Ferris kien ġie lliberat minħabba li l-prosekuzzjoni kienet f'idejn qarib tiegħu. Anke fin-nota ta' sottomissjoni finali tiegħu l-intimat prova jtaffi s-serjetà tal-kumment tiegħu billi saħaq li anke jekk ir-rikorrent mexxa l-prosekuzzjoni b'mod indipendenti u imparzjali, huwa kellu kull jedd jikkummenta dwar il-kunflitt ta' interess.*

63. *Il-Qorti tqis illi l-*innuendo *illi r-rikorrent abbuża minn kunflitt ta' interess sabiex jaġevola lill-membru tal-familja tiegħu huwa wieħed ċar u tqisu bħala malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.*

64. *Fir-rigward tal-kumment illi r-rikorrent ma kienx għaraf li hemm kunflitt ta' interess fl-insistenza tiegħu li jmexxi l-investigazzjoni fl-allegazzjonijiet magħmula minn Maria Efimova, il-Qorti tikkondividi s-sottomissjoni tal-intimat li dan il-kumment la huwa libelluż u lanqas malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.*

***Kwantum tad-danni***

65. *Fir-rigward tad-danni taħt il-Kap. 248, din il-Qorti tgawdi minn diskrezzjoni meta tiġi biex tillikwidahom stante illi dawn huma ta' natura morali u ma jirrappreżentawx telf attwali. Madanakollu kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet* ***'<u>Andrew Borg Cardona et v. Aaron Farrugia</u>'*** *(ECLI: MT: AINF:2018:114767-18.12.2018 – Imħallef Anthony Ellul):*

"Ikun aktar floku jekk f'kawża ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza tagħti r-raġunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut tħallas. Hemm diversi raġunijiet, bħal per eżempju:

- In-natura u s-serjetà tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;
- Il-mezz tal-pubblikazzjoni;
- Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;
- Li l-awtur ikun għamel apoloġija jew offra li jagħmel apoloġija;

- Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;
- Fejn il-konvenut ikun invoka l-verità tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkunu ġew imxandra jkunu rriżultaw li huma veri."

66. *Il-Qorti tikkonsidra illi l-allegazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti mhumiex leġġeri u ċertament kienu malafamanti fil-konfront tiegħu. L-allegazzjonijiet saru fuq il-persuna pubblika tar-rikorrent bħala membru tal-korp tal-pulizija involut dak iż-żmien f'każijiet serji li kienu u għadhom ta' interess nazzjonali. Fil-likwidazzjoni tad-danni qed jittieħed in konsiderazzjoni li r-rikorrent telaq mill-korp tal-pulizija u issa huwa persuna privata. Il-Qorti tqis ukoll li l-mezz tal-pubblikazzjoni huwa wieħed li sallum għadu aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-internet.*

67. *Meħuda dawn l-elementi kollha in konsiderazzjoni l-Qorti tikkonsidra li fiċ-ċirkostanzi s-somma li għandha tiġi likwidata bħala danni taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun dik ta' tlett elef euro (€3,000).*

***Deċiżjoni***

68. ***Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:***

    1. ***tiddikjara illi għajr fejn ingħad mod ieħor mill-Qorti l-video blog ippubblikat mill-intimat fis-17 ta' Lulju, 2017 huwa libelluż u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrenti; u***

    2. ***Tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrent is-somma ta' tlett elef euro (€3,000) bħala danni llikwidati minn din il-Qorti taħt l-Artikolu 28(1) tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, bl-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.***

***Bl-ispejjeż kontra l-intimat."***

## L-Appell

11. L-intimat ħassu aggravat bis-sentenza appellata, u ippreżenta appell minnha fis-6 ta' April, 2022, fejn talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella *in toto* s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-21 ta' Marzu, 2022, u konsegwentement tiddikjara li l-*video blog* ippubblikat mill-appellant fis-17 ta' Lulju, 2017 mhux libelluż u malafamanti fil-konfront tal-appellat, bl-ispejjeż taż-

żewġ istanzi kontra l-appellat; jew alternattivament, tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ġie ddikjarat li partijiet tal-*video blog* ippubblikat mill-appellant fis-17 ta' Lulju, 2017 huma libellużi u malafamanti fil-konfront tal-appellat, iżda tirriforma u tirriduċi l-*quantum* tad-danni likwidati.

12. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex il-kumment tiegħu "fejn konna bqajna", fil-*video blog* ippubblikat minnu fis-17 ta' Lulju, 2017, huwa mibni fuq fatti sostanzjalment veritieri, u għalhekk jammonta għal *fair comment.* L-appellant għamel riferiment għall-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti f'dan ir-rigward, u qal li din qieset li l-fatt li huwa kien qiegħed jiddeskrivi lill-appellat bħala 'Inspector Clouseau', ifisser li huwa kien qiegħed jiddeskrivi lill-appellant bħala persuna inkompetenti għaliex il-proċeduri relatati mal-'iskandlu taż-żejt' ma waslu imkien. L-appellant qal li huwa ma qalx hekk, u qal biss li l-appellat ma wasalx fejn ried jasal għaliex il-proċeduri ma wasslu imkien, fis-sens li ma nstabet l-ebda ħtija. Qal li waqt il-kontro-eżami li sarlu, huwa spjega x'ried ifisser b'dan il-kumment u anki għamel riferiment għal għadd ta' nies li ġew investigati in konnessjoni ma' dan 'l-iskandlu', iżda li għadhom liberi biex ikomplu bl-attività kummerċjali tagħhom. Żied jgħid li huwa paċifiku li fl-istħarriġ tal-kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni li hija diffamatorja fil-konfront tal-persuna aggravata, irid jiġi stabbilit jekk persuna ordinarja u raġonevoli tkunx kapaċi tifhem dik l-istqarrija bħala waħda li minnha tinsilet l-imputazzjoni impunjata. L-appellant qal li għandha ssir distinzjoni bejn dak li jifhem il-qarrej raġonevoli u ta' intelliġenza ordinarja mill-artikolu impunjat, u dawk il-konklużjonijiet li jista' jasal għalihom abbażi tal-fehmiet u l-preġudizzji personali tiegħu. L-appellant qal li huwa qatt ma attribwixxa xi dolo jew *culpa* lill-appellat għall-fatt li l-proċeduri dwar 'l-iskandlu

taż-żejt' ma wasslu imkien, iżda sempliċement ikkummenta li l-appellant ma rnexxilux iwassal il-proċeduri għal eżitu sodisfaċenti. Qal li dan jammonta għal kritika ġustifikata f'soċjetà demokratika, u dak iż-żmien l-appellat kien uffiċjal b'kariga għolja u kien qiegħed jinvestiga "l-akbar skandlu li ra pajjiżna dak iż-żmien", u għalhekk il-ġurnalist għandu d-dritt u d-dmir li jikkummenta dwar il-falliment ta' dawn il-proċeduri. L-appellant qal li huwa fatt li l-appellat m'għamel l-ebda progress fl-investigazzjoni tiegħu, u dan irrispettivament mid-diliġenza u l-professjonalità tiegħu. Żied jgħid li mill-atti proċesswali fil-fatt jirriżulta li l-ebda kawża relatata mal-iskandlu taż-żejt ma wasslet għal sejbien ta' ħtija, u ħafna minn dawn il-kawżi saħansitra għadhom pendenti. Qal ukoll li l-kumment tiegħu għalhekk kien ibbażat fuq fatti sostanzjalment veri għaliex l-investigazzjonijiet u l-proċeduri kriminali ma wasslu għal ebda eżitu sodisfaċenti, u l-persuni allegatament involuti f'dan 'l-iskandlu' għadhom barra. Qal ukoll li huwa kellu kull jedd jgħaddi kumment kritiku fil-konfront tal-appellat, u ladarba l-proċeduri ma taw l-ebda riżultat, l-appellat għandu jġorr responsabbilità għal dan il-fatt irrispettivament mill-mod kif mexxa l-proċeduri.

13. L-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta wara li fliet il-verbali kollha tal-proċeduri, waslet għall-konklużjoni li l-appellat kien diliġenti f'xogħlu. Qal li dan il-fatt huwa immaterjali, għaliex l-appellat bħala uffiċjal prosekutur huwa suġġett għal iskrutinju ferm ogħla minn persuna privata, u għandu jaċċetta r-responsabbilità meta l-affarijiet li jagħmlu parti mill-funzjonijiet tiegħu ma jmorrux tajjeb. L-appellant qal li huwa prinċipju stabbilit li l-espressjoni demokratika teħtieġ li tingħata l-aktar spazju possibbli fil-konfront tal-operat ta' figuri pubbliċi li kellhom ikunu soġġetti għall-iskrutinju tal-istampa ħielsa, anke jekk dan ikun a skapitu tal-iskonfort u l-inkonvenjenza

tal-persuni li lejhom ikun immirat l-iskrutinju. L-appellant qal li l-messaġġ tiegħu f'dan il-każ kien ċar, li l-appellat ma wasal imkien fir-rigward tal-proċeduri li mexxa dwar 'l-iskandlu taż-żejt'. Qal li dan huwa kumment ġustifikat fil-konfront ta' persuna pubblika fir-rigward tal-funzjonijiet u r-responsabbilitajiet pubbliċi tagħha, u bħala uffiċjal prosekutur, l-appellat irid iġorr responsabbilità għall-fatt li l-investigazzjoni tiegħu ma wasslet imkien, u l-fatt li seta' kien hemm fatturi estraneji u mhux fil-kontroll tiegħu li wasslu għad-dewmien, ma jfissirx b'daqshekk li ġurnalist għandu joqgħod lura milli jikkritika. Qal ukoll li mill-provi miġjuba mill-appellat stess, jidher li l-appellat kien parzjalment responsabbli għad-dewmien esaġerat f'dawn il-proċeduri, u l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qieset li l-appellat wera kompetenza sħiħa fit-tmexxija tagħhom. L-appellant qal li dan jirriżulta mill-verbali tal-kumpilazzjonijiet li mexxa l-appellat stess, fejn il-proċeduri ġew differiti bosta drabi fuq talba tiegħu stess, jew bi qbil mad-difiża, u minn fejn jirriżulta li ftit li xejn ittellgħu xhieda meta mqabbel man-numru kbir ta' seduti li saru. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti qieset fir-rigward tal-proċeduri fil-konfront ta' Francis Portelli u Anthony Cassar li fi 30 seduta xehdu 12-il xhud, u li kien biss f'madwar 7% tas-seduti li ma sar xejn minħabba xi raġuni attribwibbli lill-appellat. Qal li huwa irrilevanti kemm mis-seduti ġew differiti esklussivament għal xi raġuni attribwibbli lill-appellat, u l-fatt li ħafna mis-seduti ġew differiti bi qbil bejn il-partijiet, xorta waħda juri ineffiċjenza, kif jindika dan ukoll il-fatt li fi 30 seduta xehdu 12-il persuna. Qal li dan juri faqar fit-tmexxija ta' waħda mill-aktar kumpilazzjonijiet importanti fil-pajjiż, u l-appellat kien parzjalment responsabbli għad-dewmien esaġerat, u ma jistax jingħad li huwa mexxa l-proċeduri b'mod impekkabbli. B'riferiment għall-proċeduri fil-konfront ta' Tancred Tabone, l-appellant qal li l-Ewwel Qorti qieset

li f'31 seduta xehdu 15-il xhud, u kien biss f'madwar 13% tas-seduti li ma sar xejn għal raġunijiet attribwibbli lill-appellat. Qal li anke hawn, huwa manifest li l-proċeduri ma tmexxewx b'diliġenza għaliex f'nofs is-seduti ma sar xejn, u l-appellat huwa parzjalment responsabbli għal dan in-nuqqas għaliex kien hu li talab bosta differimenti. L-appellant għamel l-istess kummenti fir-rigward tal-persuni kollha li ġew investigati, u sostna li dawn il-kumpilazzjonijiet ma tmexxewx b'mod spedit kif kien mistħoqq fid-dawl tan-natura tal-każ, u dan għal raġunijiet imputabbli lill-appellat. L-appellant qal li għalhekk il-kumment tiegħu li "fejn konna bqajna", huwa mibni fuq fatti sostanzjalment veri, l-ewwelnett għaliex l-ebda waħda mill-persuni mressqa ma nstabet ħatja, u t-tieni għaliex il-maġġor parti tal-kawżi kienu għadhom pendenti sa dakinhar li ntemmet il-ħatra tal-appellat bħala prosekutur. Qal li għalhekk dawn il-fatti għandhom ikunu biżżejjed biex jiġġustifikaw il-kumment tal-appellat bħala *fair comment,* u għandu jirriżulta wkoll li d-dewmien esaġerat huwa parzjalment ħtija tal-appellat, li talab diversi differimenti u ma mexxiex b'mod spedit u għaqli.

14. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu, l-appellant sostna li l-kumment dwar Ray Ferris huwa mibni fuq fatti sostanzjalment veri, u għalhekk jammonta għal *fair comment.* L-appellant għamel riferiment għall-fatt li l-Ewwel Qorti sabet li l-kummenti tiegħu f'dan ir-rigward kienu malafamanti. Qal li huwa fatt ippruvat li l-appellat mexxa proċeduri kontra qarib tiegħu, u għalkemm l-individwu mixli mhuwiex il-prim kuġin tal-appellat, xorta waħda dan huwa qarib tiegħu, għaliex huwa kuġin ta' missieru. Qal li f'dan ir-rigward l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qalet li din id-distinzjoni ma kinitx waħda li tbiddel in-natura tal-allegazzjoni, ladarba l-persuna in kwistjoni xorta waħda tista' titqies li hija

membru tal-familja estiża tal-appellat. Qal li l-Ewwel Qorti qieset li l-appellant kien qed jirreferi għall-fatt li l-appellat mhux biss kellu kunflitt ta' interess fil-prosekuzzjoni ta' Raymond Ferris, iżda li huwa kien abbuża minn dan il-kunflitt, b'konsegwenza li Raymond Ferris ġie liberat inġustament. L-appellant qal li dan mhux il-każ, għaliex huwa qatt ma ta x'jifhem li l-appellat kien abbuża mill-pożizzjoni tiegħu, u lanqas li kien minħabba f'xi kunflitt ta' interess li Ray Ferris spiċċa lliberat. L-appellant qal li huwa manifest li huwa kien qed jikkritika l-fatt li l-appellat ftaħar li kien mexxa proċeduri fil-konfront ta' persuna li tiġi minnu, meta dan il-ftaħir ma kienx ġustifikat, kemm għaliex dan kellu kunflitt ta' interess u għalhekk kellu jiddeklina milli jmexxi l-proċeduri, kif ukoll għaliex finalment Ferris spiċċa lliberat. Qal li din biss kienet il-kritika tiegħu u bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li huwa kien qiegħed jgħid affarijiet oħra. L-appellant qal, illi kif diġà ġie argumentat, hemm distinzjoni bejn dak li jkun fehem il-qarrej raġonevoli u ta' intelliġenza ordinarja mill-artikolu impunjat, u dawk il-konklużjonijiet li jista' jasal għalihom abbażi tal-fehmiet u l-preġudizzji personali tiegħu. L-appellant qal li jista' jagħti l-każ li l-appellat mexxa l-proċeduri b'mod indipendenti u imparzjali, iżda hu, l-appellant, kellu kull jedd li jikkummenta dwar il-kunflitt ta' interess ovvju f'materja ta' din ix-xorta. L-appellant qal li huwa prinċipju bażilari li l-ġustizzja mhux biss trid issir, iżda trid tidher li qed issir, u l-attur kellu minn jeddu jirrifjuta li jmexxi dawn il-proċeduri biex ma joħloqx suspetti għal xejn. Qal li dan huwa aktar rilevanti għaliex il-kunjom 'Ferris' mhuwiex wieħed komuni f'pajjiżna, u għalhekk joħloq dubju serju u reali dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-appellat. Qal li dan ma jfissirx li huwa kien qiegħed jgħid li l-appellat ma kienx fil-fatt indipendenti u imparzjali, iżda huwa kien qiegħed jikkritika l-fatt li l-appellat mexa kontra l-

etika, u din mhijiex xi ħaġa li wieħed għandu jkun kburi biha. L-appellant għamel riferiment għax-xhieda tas-Supretendent Paul Vassallo, li qal li ma kienx daqshekk kuntent bil-grad ta' qrubija bejn l-appellat u l-persuna li kienet qegħda tiġi investigata, u fid-dawl ta' dawn il-fatti, l-appellant jgħid illi l-kumment tiegħu jikkostitwixxi '*fair comment*' għaliex huwa bbażat fuq fatti sostanzjalment veri.

15. Permezz tat-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi li l-*quantum* tad-danni mogħtija mill-Ewwel Qorti huwa wieħed eċċessiv. Qal li huwa jifhem li l-Ewwel Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa meta tiġi biex tiffissa l-kumpens, u li dak il-kumpens m'għandux jiġi varjat minn din il-Qorti faċilment. Qal li meta wieħed iqis li l-appellat ma sofra l-ebda telf finanzjarju, u meta wieħed jikkonsidra li l-pubblikazzjoni ma kinitx waħda malizzjuża, iżda kienet tikkonsisti biss f'opinjonijiet u skrutinju ta' persuna pubblika, l-appellant jikkontendi li s-somma ta' €3,000 likwidata bħala danni morali hija għolja wisq. Qal li anki f'każ li din il-Qorti jidhrilha li l-kummenti magħmula minnu huma libellużi, il-*quantum* tad-danni huwa eċċessiv ferm, tenut kont li l-kummenti huma msejsa fuq fatti sostanzjalment veri, u dak li ngħad la kien goff u lanqas malizzjuż, u lanqas ma attribixxa aġir kriminuż. L-appellant qal li dawn id-danni huma eċċessivi u ser joħolqu inġustizzja lampanti għad-detriment tal-ġurnalist u għaċ-ċittadin li jiddependi fuqu għall-iskrutinju ta' persuni pubbliċi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

16. Fir-risposta tiegħu l-appellat sostna li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, u għalkemm l-appellant ressaq diversi aggravji, dawn l-aggravji sostanzjalment huma li l-Ewwel Qorti għamlet evalwazzjoni skorretta

tal-provi u li l-*quantum* tad-danni likwidat mill-Ewwel Qorti huwa wieħed eċċessiv. Qal li fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jiddipartixxi mill-eċċezzjonijiet li huwa kien ressaq u ċioe illi l-ewwel eċċezzjoni tiegħu hija dik tal-"verità tal-fatti", imma fir-rikors tal-appell bidilha għal dik ta' *"fair comment",* meta l-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkontjeni allegazzjonijiet ta' fatt, imħawra b'kummenti sarkastiċi sabiex tirredikola lill-appellat. L-appellat għamel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn ġie deċiż li meta intimat, f'dan il-każ l-appellant, jeċċepixxi l-verità tal-fatti, huwa jkun qed "jieħu r-responsabbilità tal-malafama" u "titfa' fuqha nnifsha r-responsabbilità kollha tal-malafama maħluqa bil-pubblikazzjoni". Żied jgħid li l-ġurisprudenza tagħna tiddistingwi allegazzjoni ta' fatt minn kumment, u stabbiliet illi sabiex tirnexxi d-difiża ta' *fair comment "*il-kritika trid tkun ibbażata fuq u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri". L-appellat qal li Kap. 248, il-liġi applikabbli fid-data tal-pubblikazzjoni, fil-kawżi kriminali tikkontempla multa biss għall-malafama, u multa u priġunerija għal min jissolleva din l-eċċezzjoni mingħajr suċċess. L-artikolu 28 tal-Kap. 248 jipprojbixxi lil min iqajjem din id-difiża fi proċeduri ċivili, li jipprova jnaqqas id-danni billi jagħmel apoloġija *a tempo vergine* dwar dak li jkun ippubblika. L-appellat qal li kemm matul il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, kif ukoll fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant għadu qiegħed isostni l-allegazzjonijiet malafamanti li għamel fil-pubblikazzjoni tiegħu. Żied jgħid li fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, ġew enunċjati u kkonsidrati fid-dettall il-prinċipji legali applikabbli, u sar riferiment voluminuż għall-ġurisprudenza u l-awturi, u sussegwentement l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex teżamina jekk il-provi mressqa mill-partijiet, partikolarment dawk imressqa mill-appellant, iwasslux biex jippruvaw l-allegazzjonijiet ta' fatt ippubblikati minnu. L-appellat qal ukoll li ħlief

għal raġunijiet gravi, Qorti tal-Appell m'għandhiex tiddisturba l-evalwazzjoni tal-provi li tkun saret mill-Ewwel Qorti.

17. L-appellat qal li huwa ilmenta minn tliet siltiet fil-pubblikazzjoni tal-appellant, jiġifieri dwar l-allegata inkompetenza tar-rikorrent bħal dik ta' 'Inspector Clouseau', u bħala riżultat ta' dik l-inkompetenza u letarġija, kollox baqa' kif kien; il-kunflitt ta' interess li kellu l-appellat meta investiga persuna li tiġi minnu; u n-nuqqas ta' għarfien tal-kunflitt ta' interess fir-rigward ta' Maria Efimova. Qal li l-Ewwel Qorti daħlet f'dettall kbir sabiex teżamina l-provi mressqa dwar dawn l-allegazzjonijiet, u fir-rigward tal-ewwel żewġ allegazzjonijiet, lill-Ewwel Qorti rriżultalha l-oppost ta' dak allegat mill-appellant, filwaqt li l-Ewwel Qorti qieset li t-tielet allegazzjoni ma kinitx allegazzjoni ta' fatt, iżda purament konsistenti f'opinjoni li tammonta għal *fair comment.* Qal li filwaqt li l-appellant qiegħed jinsisti li għandu dritt jgħaddi kumment kritiku, fl-istess waqt il-kritika trid tkun bażata u mibnija madwar fatti li jkunu sostanzjalment veri, u l-paragun ma' 'Inspector Clouseau' f'din il-pubblikazzjoni ma tħallix dubju li l-intenzjoni tal-appellant kienet li jirredikola u jiddenigra lill-appellat.

18. L-appellat għamel riferiment għall-parti tar-rikors tal-appell fejn l-appellant janalizza d-differimenti li saru fil-ħames kawżi konnessi mal-'iskandlu taż-żejt', u jgħid li l-istess għamlet l-Ewwel Qorti, li analizzat ix-xhieda kollha, inkluż dik tal-avukat prosekutur Dr Lanfranco, li qalet li l-Avukat Ġenerali kien bagħat l-aħħar rinviju fl-4 ta' Settembru, 2014, u f'dak il-punt il-proċeduri ġew sospiżi billi saru l-ittri rogatorji. Qalet ukoll li minkejja li l-proċeduri kienu sospiżi, l-appellant ftiehem mad-difiża li safejn ikun possibbli, il-proċeduri kellhom

jitkomplew, u fil-fatt tkomplew minkejja s-sospensjoni, u anki nstemgħu għadd ta' xhieda, fosthom l-appellant, li xehed f'dan il-perijodu tas-sospensjoni. L-appellat qal li ngħataw differimenti meta huwa attenda għal taħriġ mal-OLAF u mal-Polizia di Stato Italiana, u f'okkażjoni oħra meta l-appellat kellu jsiefer sabiex iżur lil missieru li kien rikoverat. Qal li kien hemm differimenti oħra li ngħataw bi qbil bejn il-partijiet, billi s-smigħ ta' uħud mix-xhieda kienet tiddependi minn dak li jirriżulta mill-ittri rogatorji. L-appellat qal li iżda huwa inġust li jingħad li d-dewmien fil-proċeduri għandu jwieġeb għalih hu.

19. B'riferiment għall-aggravju tal-appellant dwar il-*quantum* tad-danni, l-appellat qal li huwa diġà għamel riferiment għall-artikoli tal-liġi li jikkonsidraw ir-riperkussjonijiet għal min iressaq id-difiża tal-verità tal-fatti mingħajr suċċess, aktar u aktar meta l-appellant għadu jinsisti li l-appellat jistħoqqlu l-malafama li ġiet attribwita lilu fil-pubblikazzjoni. L-appellat qal li l-ammont ta' danni morali likwidati fil-każ odjern, jammontaw għal kwart tal-massimu li tikkontempla l-liġi. Kwantu għal dak li ngħad mill-appellant, li dawn id-danni eċċessivi ser joħolqu inġustizzja lampanti a detriment tal-ġurnalist u għaċ-ċittadin li jiddependi fuqu għall-iskrutinju tal-persuni pubbliċi, l-appellat qal li l-ġurnalist Malti qiegħed f'pożizzjoni aħjar minn dik ta' ġurnalisti barranin stante li f'ġurisdizzjonijiet barranin ma hemm l-ebda limitu għad-danni li jistgħu jiġu likwidati. L-appellat qal li l-Ewwel Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha u ffissat danni morali fi proporzjon ta' 25% ta' dak li setgħet takkorda bħala danni, u fil-fehma tiegħu din il-Qorti m'għandhiex tiddisturba tali diskrezzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

20. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant, u dan fid-dawl tar-risposta ntavolata mill-appellat u tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *[il-kliem* "fejn konna bqajna" *huwa fair comment]*

21. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra bħala *fair comment* ir-rimarka tiegħu "fejn konna bqajna". Qal li minkejja li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li r-riferiment li għamel l-appellant għal 'Inspector Clouseau' sar għaliex dan kien magħruf għall-inkompetenza tiegħu, li huwa ried ifisser kien li l-appellat ma wasalx fejn xtaq jasal, għaliex il-proċeduri mibdija minnu ma taw l-ebda riżultat. L-appellant qal li fil-fatt ġew investigati diversi persuni mill-appellat, li lkoll tressqu quddiem il-Qrati, u li kollha għadhom liberi biex ikomplu bl-attività kummerċjali tagħhom, għaliex l-investigazzjoni tagħhom ma wasslitx għar-riżultat mistenni mill-appellat bħala uffiċjal prosekutur. L-appellant qal li trid issir distinzjoni bejn dak li jifhem qarrej raġonevoli u ta' intelliġenza ordinarja, u l-konklużjonijiet li wieħed jasal għalihom abbażi tal-preġudizzji tiegħu. Żied jgħid li huwa qatt m'attribwixxa *dolo* jew *colpa* lill-appellat, iżda qal biss li dan ma wasalx fejn ried jasal, u li din il-kritika għandha titqies li hija waħda ġustifikata f'soċjetà demokratika, partikolarment għaliex l-investigazzjoni li kienet taħt l-iskrutinju tal-appellant, kienet dwar wieħed mill-akbar 'skandli' li kien hawn fil-pajjiż fl-aħħar snin. Qal ukoll li huwa fatt li l-appellat m'għamel l-ebda progress fl-investigazzjoni tiegħu, u dan irrispettivament mid-diliġenza u l-kompetenza tiegħu. L-appellant qal li

huwa kellu kull dritt jgħaddi kumment li l-proċeduri mibdija ma taw l-ebda riżultat, u qal li l-appellat għandu jġorr ir-responsabbilità għal dan, allavolja f'uħud mis-sentenzi li ngħataw l-appellat ġie mfaħħar għall-mod kif mexxa l-prosekuzzjoni. L-appellant sostna li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li l-appellat kien diliġenti f'xogħlu, u jikkontendi li dan huwa fatt immaterjali għaliex il-fatt li l-appellat kien uffiċjal pubbliku, kellu jwassal biex ikun suġġett għal skrutinju ogħla f'soċjetà fejn l-istampa hija ħielsa. Qal li huwa f'dan il-kuntest li l-kumment tiegħu kellu jitqies li huwa ġustifikat, u huwa veru li ħidmet l-appellat ma wasslet imkien. L-appellant qal li għalhekk l-appellat irid iġorr ir-responsabbilità għal dan il-fatt, għaliex minkejja li seta' kien hemm fatturi oħrajn li wasslu għal dewmien fl-investigazzjoni, għandu jingħad ukoll li l-ġurnalist m'għandux joqgħod lura milli jikkritika. L-appellant għamel riferiment għan-numru ta' seduti li saru, u n-numru żgħir ta' xhieda li ttellgħu akkont tan-numru ta' seduti li saru, juri li kien hemm ineffiċjenza u inkompetenza fil-mod kif tmexxew dawn il-proċeduri. L-appellant qal li l-andament tal-kumpilazzjonijiet jindika li kien hemm faqar fit-tmexxija ta' waħda mill-aktar kumpilazzjonijiet importanti li kien hawn fil-pajjiż fl-aħħar snin, partikolarment għaliex jirriżulta li f'madwar nofs is-seduti ma sar xejn, u huwa f'dak l-ispirtu li huwa għadda l-kumment "fejn konna bqajna".

22. Il-Qorti tqis li filwaqt li l-appellant qiegħed jinsisti li r-rimarki li huwa għamel fuq il-*video blog* ippubblikat minnu, huma msejsa fuq il-fatti kif seħħew, fil-verità l-appellant ma kienx qiegħed biss jesponi l-fatti, iżda kien qiegħed jagħti wkoll opinjoni u jgħaddi rimarki fil-konfront tal-appellat u l-ħidma tiegħu. Jirriżulta li minkejja li fil-każ in kwistjoni, l-ammont ta' seduti li saru quddiem il-Qrati ma kienx wieħed żgħir, l-ammont ta' xhieda li taw id-depożizzjoni

tagħhom ma kienx wieħed sostanzjali, imma dan in-nuqqas ma kellux jiġi addebitat lill-appellat waħdu, partikolarment meta jirriżulta li uħud mill-investigazzjonijiet in kwistjoni kienu nbdew minn spetturi jew uffiċjali oħra fil-Korp tal-Pulizija, u dawn ġew mgħoddija lill-appellat xi żmien wara. L-appellant ma kienx qed jgħaddi *fair comment* meta qal li ladarba l-appellat ma wasalx fejn xtaq jasal, dan għandu xi forma ta' responsabbilità x'iġorr, partikolarment meta jirriżulta li f'numru minn dawn il-każijiet il-proċeduri waqfu wara li ntbagħtu ittri rogatorji barra minn Malta, u kienet mistennija l-kooperazzjoni ta' awtoritajiet ta' pajjiżi oħra biex tkun tista' titkompla l-investigazzjoni. Il-fatt li tressqu l-Qorti għadd ta' persuni, ġew żvelati fatti u sar ammont ta' progress anki wara li ntbagħtu l-ittri rogatorji, ma jiġġustifikax il-kumment "fejn konna bqajna". Jekk bl-investigazzjoni li saret, twassal il-messaġġ li ċerta imġiba mhijiex ittollerata u mhijiex aċċettata fis-soċjetà tagħna, bl-impenn u bix-xogħol ta' diversi persuni, fosthom tal-appellat bil-ħidma tiegħu f'din l-investigazzjoni, m'għandux iwassal għall-kumment "fejn konna bqajna", għaliex fil-verità xogħol ikun sar u jkun ta riżultat, anki jekk mhux dak mixtieq jew mistenni. L-appellat xogħlu kien li jinvestiga u jressaq quddiem l-awtoritajiet ġudizzjarji tal-pajjiż il-persuni li hemm suspett li kisru l-liġi. Il-fatt li kien hemm min fost il-persuni investigati, li ġie lliberat, mhijiex xi ħaġa li għandu jġorr responsabbilità għaliha l-appellat waħdu. It-tqabbil ma' 'Inspector Clouseau' sar biex jirredikola u jiddenigra lill-appellat, li minkejja x-xogħol kollu li għamel, baqa' ma wassalx din l-investigazzjoni fi tmiemha.

23. L-appellant jinsisti wkoll li l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta qalet li l-appellat kien diliġenti f'xogħlu, u baqa' jsostni, anki tul dawn il-proċeduri, li dan mhuwiex minnu, għaliex li kieku kien hemm din id-diliġenza fix-xogħol tal-

appellat, dawn il-każijiet kienu jissolvew. F'punt minnhom fir-rikors tal-appell tiegħu, l-appellant qal li l-appellat għandu responsabbilità x'iġorr anki għad-dewmien fil-proċeduri, għaliex kien hemm istanzi fejn kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex jingħataw differimenti. Il-Qorti tqis li normalment talba biex jingħata differiment ma ssirx mill-uffiċjal prosekutur, imma għaliex ikun hemm talba mid-difiża. Tali differimenti jingħataw wara li l-Qorti li quddiemha jkunu mexjin l-proċeduri, taqbel ma' dan. Għalhekk m'hemm l-ebda *fair comment* fl-asserzjoni tal-appellant li l-appellat huwa responsabbli mid-dewmien fil-proċeduri, għaliex l-ebda parti m'hija responsabbli waħedha għat-tul ta' żmien li jieħdu l-proċeduri quddiem il-Qrati tagħna, partikolarment fejn l-investigazzjoni tmur barra mill-pajjiż, u tkun meħtieġa l-koperazzjoni tal-awtoritajiet barranin, kif ġara f'dan il-każ. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *[*fair comment *dwar Ray Ferris]*

24. L-appellant qal li l-kumment li huwa għadda dwar Ray Ferris u l-fatt li dan għandu parentela mal-appellat, huwa veritier u għalhekk jammonta għal *fair comment.* Qal li huwa fatt li l-appellat mexxa investigazzjoni fil-konfront ta' qarib tiegħu. L-appellant żied jgħid li huwa qatt ma qal li l-appellat abbuża mill-pożizzjoni tiegħu, jew li kien minħabba l-kunflitt ta' interess tal-appellat li Ray Ferris ingħata l-liberatorja, iżda huwa għamel il-kritika tiegħu għaliex l-appellat ftaħar li kien qiegħed imexxi proċeduri fil-konfront ta' persuna li tiġi minnu, u dan il-ftaħir mhuwiex ġustifikat, partikolarment għaliex Ray Ferris spiċċa lliberat. L-appellant qal li anki jekk l-appellat kien indipendenti u imparzjali,

huwa kellu dritt jikkummenta dwar il-kunflitt ta' interess ovvju f'materja ta' dan it-tip, u fil-fehma tiegħu l-appellat kellu jirrifjuta minn jeddu li jkompli b'din l-investigazzjoni, għaliex kiser l-etika meta għażel li jibqa' jinvestiga.

25. Il-Qorti tirrileva li mill-provi jirriżulta li l-appellant stqarr quddiem l-Ewwel Qorti li huwa ma kienx jaf li l-appellat kien informa lis-superjuri tiegħu fil-Korp tal-Pulizija dwar il-fatt li wieħed mill-persuni investigati kien jiġi minnu, u li kienu s-superjuri tiegħu li qalulu biex xorta waħda jkompli bil-każ. L-appellant qal ukoll li huwa ma kienx jaf li l-Maġistrat li tat id-deċiżjoni fil-konfront ta' Ray Ferris, kienet faħħret il-ħidma tal-appellat. Dan ifisser li l-appellant, minkejja li esprima l-fehma li l-appellat kellu kunflitt ta' interess f'din l-investigazzjoni partikolari, u li kellu minn jeddu jirrifjuta li jkompli jinvestiga, ma kellux l-informazzjoni sħiħa sabiex seta' jasal għal din il-konklużjoni. Minkejja li f'dinja ideali l-ebda uffiċjal tal-Pulizija m'għandu jinvestiga lil xi ħadd li jiġi minnu, ir-realtà ta' pajjiżna hija li f'investigazzjonijiet speċjalizzati, in-numru ta' uffiċjali tal-Pulizija li jistgħu jmexxu ċerti investigazzjonijiet huwa wieħed żgħir u ristrett. Il-Qorti tirrileva li l-każ ta' Ray Ferris ġie assenjat lill-appellat wara li kien hemm xi ċaqliq fit-taqsima tar-reati ekonomiċi fil-Korp, u uħud mill-uffiċjali ġew promossi jew ingħataw karigi oħra fil-Korp. Dan ifisser li l-appellat kien wieħed mill-ftit uffiċjali li setgħu jkomplu bl-investigazzjoni. L-appellant qal li huwa ħassu urtat bil-fatt li l-appellat 'ftaħar' li investiga persuna li tiġi minnu, iżda fil-verità l-ftaħir li sar kien fis-sens li l-appellat informa lil kulħadd li huwa ma jiddejjaq jinvestiga lil ħadd, lanqas persuna li tiġi minnu. Jirriżulta wkoll li l-appellat informa lis-superjuri tiegħu fil-Korp li Ray Ferris huwa qarib tiegħu, iżda d-direzzjoni li ngħatat l-appellat, kienet li huwa kellu jkompli jinvestiga. L-appellant m'għadda

l-ebda *fair comment* meta qal li l-appellat kellu minn jeddu jirrifjuta li jkompli jinvestiga, għaliex fil-Korp tal-Pulizija ir-rifjut li wieħed ikompli biċċa xogħol li tkun assenjata lilu, jista' jitqies bħala forma ta' insubordinazzjoni. Dak li kellu jagħmel l-appellat f'dan il-każ, kif fil-fatt għamel, kien li jinforma lis-superjuri tiegħu bil-parentela bejnu u l-persuna investigata, u d-direzzjoni li ngħata kienet li huwa kellu jkompli bix-xogħol tiegħu f'dan il-każ. Dawn il-fatti kif seħħew ma kellhomx iwasslu lill-appellant għall-konklużjoni li l-appellat minħabba l-kunflitt ta' interess li kellu, mar kontra l-etika tal-Korp, u għalhekk il-fehma espressa mill-appellant f'dan ir-rigward, ma tistax titqies bħala *fair comment.* Għalhekk din il-Qorti tqis illi dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *[il-quantum tad-danni]*

26. L-appellant qal li filwaqt li huwa minnu li l-Ewwel Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa meta tiġi biex tiffissa d-danni morali taħt l-artikolu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra li f'dan il-każ ma kien hemm l-ebda telf finanzjarju soffert mill-appellat, u li l-artikolu miktub minnu ma kienx wieħed malizzjuż, iżda kien jammonta biss għal opinjoni u skrutinju ta' persuna pubblika. L-appellant qal li din il-Qorti għandha tikkonsidra li tirrevedi d-danni likwidati għaliex huma għoljin wisq.

27. Il-Qorti tqis illi fil-każ odjern, anki fil-kors tas-smigħ ta' dan l-appell, l-appellant baqa' jinsisti li huwa għandu raġun fil-kummenti li għadda, u fil-fatt għadu jsostni l-allegazzjonijiet magħmula minnu, u jiġġustifikahom. Din il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti, li l-kummenti li għamel l-appellant ma jammontawx għal *fair comment,* għaliex dan silet għadd ta' konklużjonijiet

gratuwiti u malafamanti, minkejja li ma kellux l-informazzjoni kompluta, partikolarment fir-rigward tal-investigazzjoni ta' Ray Ferris. Il-Qorti tqis ukoll li fil-każ odjern l-Ewwel Qorti bħala *quantum* akkordat 25% tad-danni li tippermetti l-liġi, li meta wieħed jikkonsidra kollox, mhuwiex perċentwal għoli jew sproporzjonat, tenut kont tal-kummenti li saru mill-appellant fil-konfront ta' persuna li kienet tokkupa kariga pubblika u li kellha rwol uffiċjali daqstant importanti fl-investigazzjoni in kwistjoni. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u tiċħdu.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**